30 ta' Ġunju 2020

ONOR. Av. BEPPE FENECH ADAMI
CHAIRMAN
KUMITAT DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI
IL-PARLAMENT
IL-BELT VALLETTA

Għażiż Onor. Fenech Adami,

Qed niktiblek biex niċċara punt li ħareġ waqt ix-xhieda li tajt fil-laqgħa numru 66 tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi illi seħħet nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2020.

Speċifikatament, qed nirreferi għall-proġett illi għamlet l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu in konnessjoni mal-organizzazjoni ta' l-avveniment magħruf bħala 'Isle of MTV' fis-sena 2018 u fis-snin ta' qabel.

Nixtieq nippreċiża illi kwalsiasi riferenza li għamilt dwar fondi mogħtija kienet tirreferi għall-kumpannija Viacom International Media Networks UK Limited (Viacom) illi magħha l-Awtorita' kienet għamlet il-ftehim dwar l-organizzazjoni tal-imsemmi avveniment. Bl-ebda mod ma ridt infisser li s-Sur Owen Spiteri bbenefika direttament, jew illi l-kumpanniji G7 Services Limited u/jew GMED Projects Limited irċevew xi fondi mill-Awtorita' għall-istess avveniment.

Niskuża ruħi miegħek u mal-Kumitat, kif ukoll mas-Sur Spiteri, jekk setgħet ingħatat impressjoni mhux korretta f'dan is-sens.

Inselli għalik

Dr Gavin Gulia
Chairman
Awtorita' Maltija għat-Turiżmu

Building SCM 01, Suites 301-306, SmartCity Malta, Ricasoli SCM 1001, Kalkara – Malta
www.mta.com.mt